Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 36/2009

**Dhalia South Limited**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Illum 9 ta' Lulju 2010

It-Tribunal

*Din hija sentenza li qed tinghata fi proceduri li kienu nbdew quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali ai termini ta' l-Att Dwar t-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti u li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 57(4) tal-Kapitolu 364 kif emendat b'l-Avviz Legali 245 tas-sena 2009 tkompla jinstema' minn dan it-Tribunal.*

*A skans ta' ekwivoci u b'kontinwita mal-proceduri kif mibdija s-socjeta Dhalia South Limited ser tibqa tissejjah*

*"socjeta appellanti" u l-Kummisarju tat-Taxxi Interni ser jibqa jissejjah "appellat".*

Ra r-rikors ta' l-appell promotur, datat 14 ta' Novembru 2002, li permezz tieghu s-socjeta appellanti appellat mill-likwidazzjoni ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti dwar trasferiment ta' propjeta mmobbli favur taghha liema trasferiment sehh f'l-4 ta' Gunju 1996; il-likwidazzjoni ta' taxxa maghmula mill-Kummissarju hija datata 5 ta' Ottubru 2002.

Ra r-risposta ta' l-appellant datata 15 ta' Novembru 2002 li permezz taghha ssottometta li l-likwidazzjoni hija gusta u timmerita konferma.

Ra li s-socjeta appellanti debitament notifikata b'l-avviz tas-smiegh tal-kawza kif ukoll b'l-avviz tad-differimenti sussegewenti ma dehret ghall-ebda wahda mill-udjenzi mizmuma mil-Bord ta' Kummissarji Specjali.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-17 ta' Novembru 2004 mill-Bord ta' Kummissarji Specjali meta il-Bord iddiferixxa l-kawza ghall-provi ta'l-appellat. L-appellat ma kellux opportunita jressaq il-provi tieghu quddiem il-Bord stante li dan ma baqax debitament kostitwiet.

Rat li s-socjeta appellanti debitament notifikata b'l-avviz tas-smiegh tal-kawza quddiem dan it-Tribunal baqghet ma dehrietx. Konformament mal-verbal tas-17 ta' Novembru 2004, u fin-nuqqas tas-socjeta appellanti, it-Tribunal proceda biex jisma l-provi ta' l-appellat.

Ra d-dokumenti esebieti u l-atti processwali.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta appellanti mhux biss ma weriet l-ebda interess f'dawn il-proceduri u ma gabet l-ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha li l-likwidazzjoni maghmula mill-appellat ghandha tigi riveduta, imma anke fir-rikors ta' l-appell taghha kienet telegrafika ghall-ahhar

fir-ragunijiet (ossia raguni) li fuqha bbazat it-talba taghha ghar-revizjoni tal-likwidazzjoni.

Illi ai termini ta'l-artikolu 58(3) tal-Kapitolu 364 l-appellant ghandu l-oneru li jipprova li l-likwidazzjoni hija eccessiva. L-appellant pero ma gab l-ebda prova.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jichad it-talbiet tas-socjeta appellanti b'l-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------